MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 798/2002/1

**Monarch Advertising Limited.**

**-vs-**

**Anthony Baldacchino f'ismu proprju u ghan-nom ta' Sagirus Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikorsipprezentat fit-22 ta' Marzu, 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet:

Illi fil-15 ta' Lulju 2002 is-socjeta Monarch Advertising Limited ipprezentat mandat ta' sekwestru kontra Anthony Baldacchino f'ismu proprju u ghan-nom ta' Sagirus Limited liema mandat ghandu n-numru 1530/02; (Dokument "A")

Illi dina l-Onorabbli Qorti akkordat il-hrug ta' dan il-mandat fil-15 ta' Lulju 2002;

Illi il-mandat gie ezegwiet billi gie innotifikat lill-banek u b'mod partikolari gie ezegwiet fuq is-sekwestratarju Bank of Valletta plc billi dan gie innotifikat bil-mandat in kwistjoni fis-16 ta' Lulju 2002;

Illi sussegwentement ghal dan l-istess bank iffriza l-kontijiet kollha li fihom jidher Anthony Baldacchino inkluz il-kont numru 14104556019 li huwa tat-tip Savings u li jinsab registrat fil-fergha ta' Racecourse Street;

Illi dan il-kont isejjah lir-rikorreni kif ukoll lil Anthony Baldacchino li huma lkoll ahwa u l-ammonti mizmuma f'dan il-kont jappartjenu lir-rikorrenti u lill-istess Anthony Baldacchino f'ishma indaqs billi dan l-ammont jirraprezenta fondi migbura mill-wirt tal-genituri taghhom;

Illi ghalhekk il-flus misjuba f'dan il-kont bankarju ma humiex kollha tad-debitur Anthony Baldacchino jew tad-debitrici Sagirus Limited u m'ghandhomx jaghmlu tajjeb ghad-dejn tad-debituri;

Illi iz-zamma ta' dan il-mandat ta' sekwestru fuq flus li ma jappartjenux lid-debituri qieghed jikkrea pregudizzju attwali lir-rikorrenti billi huma ma jistghux jaghmlu uzu mil-flus taghhom stess, billi l-flus taghhom gew abbuzivament marbghuta sabiex ikopru dejn li mhux taghhom u li f'kaz ta' decizjoni favorevoli ghas-socjeta Monarch Advertising Limited il-flus taghhom jittiehdu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. tiddikjara li l-flus jappartjenu lill-esponenti f'ishma indaqs ma Anthony Baldacchino;

2. tordna r-rilaxx ta' dak l-ammont ta' flus li jappartjeni lill-esponenti mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez, u salv kull dritt ghad-danni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz taghha esponiet bir-rispett:

1. Illi, preliminarjament ghandu jinghad, illi t-talba tar-rikorrenti hija nulla, irrita u inamissibbli stante li r-rimedju tal-procedura tar-Rikors a tenur ta' l-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet huwa moghti biss lill-"*intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih*". *Ictu oculi* l-istess Rikors qed isir minn terzi persuni li ma humiex debituri sekwestrati fil-Mandat u ghalhekk il-procedura in via ta' Rikors a tenur ta' l-imsemmi Artikolu ma hijiex rimedju li huma jistghu jutilizzaw u t-talba taghhom ghalhekk ghandha tigi michuda.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ghandu jinghad illi t-talba tar-rikorrenti hija wkoll inamissibbli u guridikament infondata stante li l-esponenti ma tistax tkun f'posizzjoni taghraf kemm mill-bilanc attiv fil-kont huwa proprjeta' tad-debitur sekwestrat u kemm tar-rikorrenti u dan sakemm ma jigix gudizzjarjament stabbilit permezz ta' proceduri kontenzjuzi *ad hoc* illi jridu jsiru ad istanza ta' min ikollu interess u cioe' l-istess rikorrenti; certament mhux permezz tar-Rikors odjern.

Illi, l-esponenti tixtieq umilment tirrileva illi dan il-punt jinsab diga' deciz fis-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Michael Mallia) fl-ismijiet "Blye Engineering Company Limited vs Bank of Valletta p.l.c." fejn il-Qorti irriteniet illi sewwa ghamel il-Bank ma jiddepozitax flejjes li jinsabu f'*Joint Account* fejn id-debitur sekwestrat ikun wiehed mill-*Joint Account holders* sakemm tali kont jibqa' fl'indivizibilita' tieghu u ma jigix gudizzjarajament jew b'xi mezz iehor legali stabbilit kemm mit-tali flejjes fl-imsemmi *Joint Account* jappartjenu lill-imsemmi *Joint Account holder*.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment tissottometti illi r-Rikors odjern ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher mir-rikors ir-rikorrenti qed jitolbu t-thassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi nhareg mis-socjeta' Monarch Advertising kontra Anthony Bladacchino f'ismu u f'isem is-socjeta' Sagirus Limited. Huma qed jallegaw li gew sekwestrati flus f'kont li huma ghandhom sehem flimkien ma' l-allegat debitur.

Il-Bank sekwestratarju qed jeccepixxi li l-procedura taht l-Artikolu 836 tispetta biss lill-persuna li kontra taghha jinhareg il-mandat.

Il-kawza ghalhekk ma tippresenta ebda diffikolta' ghaliex il-kliem tal-ligi huwa car bizzejjed u ma jhalli lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-Qorti taqbel ma' dak kontenut fir-risposta msemmija billi hu car li t-talba tista' ssir biss mill-allegat debitur u mhux min terzi.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-bank intimat u tichad it-talbiet tar-rikorrenti; l-ispejjes ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------